



Brussell, 13 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9241/19

COLAC 30	ENV 478
CFSP/PESC 373	ENER 264
RELEX 496	DIGIT 97
WTO 138	EU-GNSS 26
DEVGEN 105	RECH 258
SUSTDEV 87	AVIATION 101
COHOM 60	TRANS 329
COHAFA 44	MIGR 70
AGRI 255	CULT 85
ACP 60	EDUC 243
ASIE 27	COTER 65
CLIMA 140	CYBER 162
COMAR 6	

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 8972/19	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill rigward il-Komunikazzjoni Konġunta tar-RGħ/il-Kummissjoni dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Amerka Latina u l-Karibew, "Ngħaqqdu l-isforzi tagħna għal futur komuni"

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill rigward il-Komunikazzjoni Konġunta tar-RGħ/il-Kummissjoni dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Amerka Latina u l-Karibew, "Ngħaqqdu l-isforzi tagħna għal futur komuni", kif adottati mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Mejju 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill rigward il-Komunikazzjoni Konġunta dwar ir-relazzjonijiet tal-UE mal-Amerka Latina u l-Karibew, "Ngħaqqdu l-isforzi tagħna għal futur komuni"

1. Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-Amerka Latina u l-Karibew (ALK) issaħħu b'mod sinifikanti matul l-aħħar għaxar snin. Dawn jirrappreżentaw pilastru importanti tal-azzjoni globali tal-UE. L-ALK u l-UE huma sħab ewlenin b'valuri u interessi komuni, li għandhom jaħdmu saħansitra aktar mill-qrib fil-qafas multilaterali, b'mod partikolari fin-NU u fid-WTO, biex jippromwovu t-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli, isaħħu r-rispett għall-prinċipji demokratiċi, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, jibnu soċjetajiet aktar reżiljenti, jippreservaw u jippromwovu l-paċi u s-sigurtà, il-multilateraliżmu u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli.
2. Il-Kunsill huwa impenjat li jkompli jibni fuq il-kisbiet ewlenin tar-relazzjoni fuq diversi livelli tal-UE mal-ALK, li tinkludi sħubija strateġika bireġjonali, sostnuta minn Pjan ta' Azzjoni komprensiv; relazzjonijiet mill-qrib ma' diversi sottoreġjuni fejn hemm fis-seħħ Ftehimiet Politiċi, ta' Kooperazzjoni u Kummerċjali; u oqfsa bilaterali sodi ma' pajjiżi li kienu minn ta' quddiem fl-istabbiliment ta' Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-UE.

3. Meħudin flimkien, l-UE u l-ALK jirrappreżentaw 25 % tal-PDG dinji, terz tal-membri tan-NU u kważi nofs il-membri tal-G20. L-azzjoni konġunta miż-żewġ reġjuni kienet strumentali fil-kisba ta' ftehimiet multilaterali importanti bħall-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa u l-Ftehim ta' Pariġi. Iż-żamma u t-tisħiħ tal-alleanzi strateġiċi tagħna ser ikunu kruċjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta', u l-konformità globali ma', dawn l-impenji internazzjonali.
4. F'dinja kkaratterizzata minn interdipendenza u interkonnessjoni, l-UE u l-ALK għandhom ħafna x'jiggrawdanjaw billi jgħaqqdu l-forzi tagħhom biex jaħtfu l-opportunitajiet u jimmaniġġjaw l-isfidi ta' ambjent internazzjonali li qed jinbidel b'rata mgħaġġla. Approċċ ibbażat fuq il-valuri, sostnut minn mudell kooperattiv u eżiti ta' benefiċċju reċiproku jiddistingwi s-sħubija bejn l-UE u l-ALK minn mudelli alternattivi li huma inqas ikkonċernati mill-governanza tajba, it-trasparenza u r-responsabbiltà.
5. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jilqa' l-Komunikazzjoni Konġunta "Ngħaqqdu l-isforzi tagħna għal futur komuni" adottata mir-Rappreżentant Għoli u mill-Kummissjoni Ewropea. Flimkien ma' dawn il-Konklużjonijiet tal-Kunsill, il-Komunikazzjoni Konġunta tipprovdi qafas ta' politika b'saħħtu għall-impenn strateġiku tal-UE mal-ALK fis-snin li ġejjin. Il-Kunsill japprova l-Komunikazzjoni Konġunta u l-azzjonijiet ta' prijarità ppreżentati fiha għall-iżvilupp ta' erba' sħubijiet għall-prospertà, id-demokrazija, ir-reżiljenza u l-ordni bbażat fuq ir-regoli.

6. Il-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż il-libertà tal-espressjoni, il-protezzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u soluzzjonijiet paċifiċi għal sitwazzjonijiet ta' kriżi għandhom jibqgħu fil-qalba tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-ALK. Il-kollass tal-prinċipji demokratiċi u tal-libertajiet ċivili huwa l-għerq tal-kriżijiet li attwalment jaffettwaw lil xi pajjiżi fir-reġjun tal-ALK. Ir-risoluzzjoni tagħhom ser tkun teħtieġ ir-ritorn għad-demokrazija kostituzzjonali, is-separazzjoni tas-setgħat, ir-responsabbiltà msaħħa, u sistemi ta' governanza li jwieġbu għall-ħtiġijiet taċ-ċittadini. Il-Kunsill jerġa' jafferma l-appell tiegħu għal soluzzjonijiet politiċi, demokratiċi u paċifiċi li jstabbilixxu mill-ġdid il-libertà, l-opportunitajiet u l-vuċi leġittima tal-poplu.
7. Il-potenzjal sħiħ tas-soċjetajiet tagħna jista' jinkiseb biss billi n-nies kollha - irrispettivament mis-sess, ir-razza, l-orijini etnika jew soċjali, ir-reliġjon jew it-twelmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, id-diżabbiltà jew l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru tagħhom - ikunu jistgħu jgħixu b'mod ħieles mid-diskriminazzjoni u mill-vjolenza. B'mod speċifiku, l-UE u l-ALK għandhom ikompli jippromwovu u jaġixxu favur il-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġoti tas-setgħa lin-nisa fl-isferi kollha tal-kooperazzjoni tagħhom.
8. L-UE u l-ALK għandhom jaħdmu biex jikkonsolidaw ir-reżiljenza ekonomika, ambjentali u tas-soċjetà sabiex il-pajjiżi kollha, inkluż l-Istati Għejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw, ikunu jifilħu aħjar għal kriżijiet naturali jew ikkawżati mill-bniedem. Kemm l-isfidi li ilhom jeżistu kif ukoll dawk ġodda jeħtieġu kooperazzjoni msaħħa bejn iż-żewġ reġjuni. L-isforzi biex jiġu indirizzati t-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, jiġu ppreservati l-bijodiversità u r-riżorsi tal-ilma, tissaħħaħ ir-reżiljenza istituzzjonali, jinqerdu l-inugwaljanzi soċjali, tiġi promossa s-sigurtà taċ-ċittadini u jiġu indirizzati u miġġielda l-problema dinjija tad-drogi u l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni jistgħu jirnexxu biss permezz ta' djalogu estiż, kooperazzjoni msaħħa u programmi ta' kooperazzjoni bireġjonali effettivi li jlaqqgħu flimkien partijiet interessati ewlenin u influwenzaturi mill-UE u l-ALK.

9. L-ekonomiji tal-UE u l-ALK saru aktar integrati matul dawn l-aħħar għaxar snin, iżda hemm potenzjal kbir mhux użat li għandu jiġi sfruttat. L-UE tibqa' l-akbar investitur fil-pajjiżi tal-ALK u l-investment tal-ALK fl-Ewropa kiber b'mod sostanzjali. L-investimenti żdiedu fil-kwalità kif ukoll fil-kwantità u l-investituri tal-UE jkomplu jżidu l-valur billi jippromwovu r-responsabbiltà soċjali u ambjentali, billi joħolqu impjiegi deċenti u billi jsaħħu l-iżvilupp tal-bniedem. Il-prosperità UE-ALK hija kondiviża dejjem aktar u għandha tissaħħaħ aktar permezz ta' volum akbar ta' investment privat u użu effettiv ta' ftehimiet kummerċjali eżistenti. Il-promozzjoni tat-trasformazzjoni lejn ekonomiji ekoloġiċi u użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, l-iżvilupp tal-ekonomija blu sostenibbli, l-investment fl-innovazzjoni, fl-għarfien u fil-kapital uman, l-avvanz tal-ekonomija diġitali u l-promozzjoni tal-konnettività huma objettivi importanti tas-sħubija ekonomika bejn l-UE u l-ALK fis-snin li ġejjin.
10. Azzjoni konġunta UE-ALK hija essenzjali biex tiżgura li l-politiki kummerċjali u ta' investment ikunu progressivi u bbażati fuq ir-regoli, irawmu ambjent aħjar għan-negozju u jgħinu l-kumpanniji miż-żewġ reġjuni biex jikkompetu fis-swieq globali, u jirriżultaw f'benefiċċji għaċ-ċittadini u l-konsumaturi. Iż-żewġ reġjuni għandhom jiżguraw ukoll li l-ftehimiet kummerċjali jmexxu b'mod effettiv in-natura bbażata fuq il-valuri tas-sħubija bireġjonali u jsaħħu l-governanza tajba, is-saħħa u s-sigurtà pubblika, l-ugwaljanza bejn is-sessi, u l-istandards soċjali, tax-xogħol u ambjentali, inkluż l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi.
11. Il-Kunsill huwa impenjat biex imexxi 'l quddiem b'determinazzjoni t-tlestija tan-negozjati għal ftehimiet ta' kummerċ ħieles ambizzjużi u bilanċjati mal-Mercosur u ċ-Ċili u jilqa' b'sodisfazzjon it-tlestija li waslet biex tinkiseb fin-negozjati mal-Messiku. Skont ftehim ġdid bejn l-UE u l-AKP li qed jiġi nnegozjat bħalissa, is-sħubija reġjonali mal-Karibew ser tiġi aġġornata u d-djalogu politiku ser jissaħħaħ. Dawn il-passi ser ikomplu jespandu l-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni, Kummerċ Ħieles u Kooperazzjoni li attwalment jorbtu lill-UE ma' 27 mit-33 pajjiż tal-ALK.

12. Ħafna pajjiżi tal-ALK laħqu livelli għolja ta' żvilupp, u l-ħtiġijiet u l-aspettattivi tan-nies qed jinbidlu. Madankollu, il-progress miksub f'dawn l-aħħar għaxar snin jibqa' fraġli u jista' jitħassar jekk ma jkunx sostnut minn riformi strutturali, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi soċjoekonomiċi, l-inkoraġġiment tal-innovazzjoni u l-adattament tal-mudelli ekonomiċi għall-bidliet teknoloġiċi. L-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 ġgħib magħha opportunitajiet għal azzjoni flimkien li tikkonsolida dawn il-kisbiet.
13. Il-Kunsill iqis li l-kooperazzjoni futura għandha tkun kapaċi tirrispondi għal ħtiġijiet u aspettattivi ġodda u aktar kumplessi. Filwaqt li jipprovdi appoġġ lill-persuni u lill-pajjiżi l-aktar fil-bżonn, u biex jgħin lill-pajjiżi jikkonsolidaw il-kisbiet ta' żvilupp wara diffikultajiet kbar permezz tal-promozzjoni tar-riformi meħtieġa, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss ser jagħti wkoll lill-UE l-għodod, il-mezzi u l-istrumenti innovattivi xierqa biex tipprijoritize l-kooperazzjoni foqasma reċiprokament rilevanti bħar-riċerka, id-diġitalizzazzjoni, l-enerġija nadifa, il-konnettività, bliet intelliġenti, u l-industriji kreattivi, fejn iż-żewġ reġjuni jistgħu biss jibbenefikaw mill-kondiviżjoni ta' esperjenzi, għarfien u ħidma fuq oqfsa kollaborattivi.
14. Il-Kunsill iqis li l-UE u l-ALK għandhom ikunu sħab effettivi fit-tfassil ta' regoli globali foqasma bħall-iżvilupp sostenibbli, il-kummerċ u l-investiment, ir-rispons għat-tibdil fil-klima, il-protezzjoni tal-bijodiversità, u l-iżviluppi tax-xogħol jew teknoloġiċi. Il-potenzjal għal tali kooperazzjoni jenħtieġ li jkompli jiġi esplorat u sfruttat. Koordinazzjoni aktar sistematika u strutturata bejn iż-żewġ reġjuni għandha tiġi segwita f'fora multilaterali, mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti sal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Ġabra ta' Regoli ta' Katowice. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni biex issegwi l-kooperazzjoni mal-ALK biex tinżamm sistema kummerċjali multilaterali b'saħħitha u biex tiġi rriformata l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

15. L-appoġġ għal ordnijiet reġjonali kooperattivi jibqa' għan strateġiku għall-UE. Filwaqt li hija r-responsabbiltà tal-pajjiżi tal-ALK li jiddeċiedu dwar l-aħjar strutturi u mekkaniżmi għall-promozzjoni tad-djalogu u l-kooperazzjoni fir-reġjun, il-Kunsill jissottolinja l-importanza tas-sħubija bireġjonali bħala mutur tar-relazzjonijiet mas-sottoreġjuni u r-relazzjonijiet bilaterali. Il-Kunsill jistenna bil-ħerqa aktar dijalogu u kooperazzjoni msaħħa b'mekkaniżmi transreġjonali, bħas-CELAC kif ukoll l-isforzi mmexxija mil-livell subreġjonali, bħall-Alleanza tal-Paċifiku, is-Sistema ta' Integrazzjoni tal-Amerka Ċentrali (SICA), u l-Forum tal-Karibew (CARIFORUM)/il-Komunità tal-Karibew (CARICOM). Huwa jtenni r-rieda tiegħu li jerġa' jibda l-laqgħat tas-Summit mal-pajjiżi tal-ALK sabiex tingħata direzzjoni strateġika lis-sħubija.
16. Il-Kunsill jenfasizza li s-sħubija bejn l-UE u l-ALK testendi lil hinn mill-gvernijiet. L-UE għandha tkompli l-kollaborazzjoni mill-qrib tagħha ma' organizzazzjonijiet reġjonali u bireġjonali, bħall-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Amerka Latina u l-Karibew, l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani, is-Segretarjat Ġenerali Ibero-Amerikan, l-Istitut Italo-Latin Amerikan, il-Grupp tal-Bank tal-Iżvilupp Inter-Amerikan, jew il-Bank tal-Iżvilupp tal-Amerka Latina. Ir-relazzjonijiet futuri jenħtieġ li jibnu fuq kontributi minn diversi partijiet ikkonċernati bħall-entitajiet subnazzjonali, il-parlamentari, is-soċjetà ċivili, is-settur privat, il-fondazzjoni UE-ALK, gruppi ta' riflessjoni u d-dinja akkademika. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza ta' involviment sħiħ tas-soċjetajiet ċivili fid-dimensjonijiet kollha tas-sħubija mal-ALK.
17. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni Ewropea biex imexxu 'l quddiem il-ħidma fuq l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet konkreti identifikati fil-Komunikazzjoni Konġunta f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, inkluż rieżami sal-2020.